**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**HAL LIJA**
**TEL NO : 21416111 FAX : 21416941**
**EMAIL : lija.lc@gov.mt**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 66

<u>L-Erbgħa 04 t'Ottubru 2017</u>

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5:00p.m. ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku
Is-Sinjorina Stephanie Cutajar – Viċi Sindku
Is-Sinjorina Lorraine Farrugia – Minority Leader
Is-Sinjur Massimo Scerri – Kunsillier
Is-Sur Salvu Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI
Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Georgette Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi ppresedjat il-laqgħa.

## 66.1 Introduzzjoni

66.1.1 Qabel ma bdiet il-laqgħa residenta li toqgħod fi Sqaq nru.1 Triq Preziosi ġiet il-Kunsill biex tistaqsi kif kien baqa' l-Kunsill fuq l-*issue* ta' dan l-isqaq.

66.1.2 Il-Kunsill infurmha li l-aħjar soluzzjoni hija li ssir laqgħa bejn dawk involuti biex tinstab soluzzjoni.

66.1.3 Wara l-Kunsill imur għand TM għal l-approvazzjoni għal dak li jkun ġie deċiż.

66.1.4 Ir-residenta qalet li qabel ma jiltaqgħu r-residenti ser tieħu parir mingħand l-Avukat tagħha biex tara eżatt x'inhu permess u x'mhuwiex permess, qabel issir il-laqgħa mar-residenti ta' din l-akwata.

66.1.5 Il-laqgħa bdiet fil-17.15 hrs b'introduzzjoni mis-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi.

66.1.6 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi stiednet lill-Kunsilliera biex jagħmlu l-korrezzjonijiet tagħhom għall-minuti nr 64 u 65 tat-30 t'Awwissu 2017 u 18 ta' Settembru 2017 rispettivament.

66.1.7 Korrezzjonijiet ma kienx hemm. Fuq proposta tas-Sinjorina Lorraine Farrugia sekondata mis-Sur Massimo Scerri minuti nr 64 bid-data tal-30 ta' Awwissu 2017 ġew approvati unanimament.

66.1.8 Fuq proposta tas-Sinjorina Stephanie Cutajar sekondata mis-Sur Salvu Farrugia minuti tal-laqgħa urġenti nr 65 li saret nhar it-Tnejn 18 ta' Settembru 2017 ġew approvati unanimament.

## 66.2 Punti mqajma mill-minuti

66.2.1 Is-Segretarju tkellmet fuq l-aħħar żviluppi tat-tender tal-Waste Collection.

66.2.2 Hija qalet li wara li nfetħet il-claim minn Galea Cleaning Solutions, it-tender ġiet sospenduta mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti.

66.2.3 Is-Segretarju kompliet tgħid li l-claim infetħet għax Galea Cleaning Solutions qed jgħidu li meta inħarġet it-tender, l-*Awarded Bidder* li hija s-Sinjura Carmen Gatt kienet għad ma kelliex l-inġenji li kienet titlob it-tender dik ta' Eur 05 trucks.

66.2.4 Is-Segretarju nfurmat li hija ħadet parir anke qabel ma nfetħet il-claim mingħand id-Dipartiment tal- Kunsilli Lokali, id-Data Protection Act u anke d-Dipartiment tal-Kuntratti.

66.2.5 Il-Kunsill qabel li f'din is-sitwazzjoni, il-Kunsill m'għandux għażla oħra ħlief li ikompli iġġedded il-Kuntratt preżenti tal-Waste Collection għax m'hemmx żmien biex tinħareġ kwotazzjoni għal servizz b'emerġenza.

66.2.6 Il-Kunsill jispera u jittama li din is-sitwazzjoni titranġa mill-aktar fis possibli biex tirregolha ruħha s-sitwazzjoni.

66.2.7 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Kuntratti kkonferma li dejjem hemm bejn wieħed u ieħor xahar biex tiġi konkluża din il-claim.

66.2.8 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 64.2.5 fejn hija qed tgħid dwar ir-request biex jitwaħħlu iktar lampi f'Hal Mann kienet għal kumplament tat-triq, aktar l-isfel ukoll minn fejn jgħaddu l-karozzi kollha.

66.2.9 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet ukoll fuq 64.2.14 fejn jistgħu jitpoġġew il-bring-in-sites.

66.2.10 Hija qed tgħid li hemm area f'Hal Mann li ma joqgħod ħadd u hija wiesgħa biżejjed li tista' tkun tajba biex jitpoġġew dawn is-sites.

66.2.11 Ġie deċiż li s-Segretarju flimkien mas-Sinjorina Farrugia mmorru 'on site' biex jimmarkaw dan il-post propost meta t-triq tkun xotta u rridu nagħmlu 'No Parking signs' peress li f'din l-area jipparkjaw il-karozzi.

66.2.12 Il-ħin huwa 5.30pm. u l-laqgħa ġiet sospenduta peress li ġie s-Sur Desmond Mizzi biex jitkellem u jispjega fuq sample tal-multipurpose ground.

66.2.13 Is-Sur Mizzi għandu jibgħat iktar *specifications* fuq dan il-materjal. Huwa qal ukoll li n-netting ta' madwar m'għandux jinqala kollhu imma jinqala biss minn tmien piedi sa sittax il-pied kemm idaħħlu l-inġenji.

66.2.14 Is-Sur Mizzi ssuġġerixxa li forsi ikun hemm bżonn *soft netting* minn fuq biex il-blalen ma joħorġux il-barra.

66.2.15 Din tista' ssir mill-ħaddiema tal-Kunsill pero iridu isiru arbli għoljin.

66.2.16 Is-Sur Mizzi semma' ukoll fejn ħadmu dan it-tip ta' multipurpose ground bħal ma huma ż-Żurrieq u l-Park ta' M'Scala.

66.2.17 Is-Segretarju nfurmat li għal dawn ix-xogħolijiet trid tinħareġ tender.

66.2.18 Il-ħin issa huwa 5.45p.m. u s-Sur Mizzi ħareġ mill-uffiċċju tal-Kunsill.

66.2.19 Il-Kunsilliera komplew jitkellmu fuq dan il-multipurpose ground u qalu li jrridu inġiebu iktar samples anke jekk imorru għalihom aħna.

66.2.20 Is-Segretarju spjegat li la trid tinħareġ tender, ser ikun hemm l-*specifications* kollha f'kull tender li tintefa.

66.2.21 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq it-tieni bin tal-ħwejjeġ li l-Kunsill kien approva li jpoġġi.

66.2.22 Hija qed tgħid li din tista titpoġġa fi Triq Ġiovanni Barbara fejn hemm il-parking u t-triq wiesgħa.

66.2.23 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li rridu niċċekkjaw sewwa fuqhom dawn il-bins għax hija skopriet li b'dawn qed isir *business* minnhom minn xi ħadd privat u l-ħwejjeġ li jinġabru mhux qed imorru għall-karita.

66.2.24 Qabel ma titpoġġa bin oħra, il-Kunsill qabel li għandu jiġi iċċekkjat dak li qed jingħad għax fil-kas anke li diġa hemm titneħħa.

66.2.25 Għandu jiġi iċċekkjat ukoll ma' Kunsilli oħra fuq din il-ħaġa.

66.2.26 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet fuq 64.4.34 fuq il-parkings ta' Triq Nazju Cortis biex isiru *perpendicular* biex joqgħodu iktar karozzi.

66.2.27 Hija spjegat li meta marret 'on site' flimkien mas-Segretarju biex jiġi mmarkat il-post eżatt kien hemm tumbata kbira tal-konkos.

66.2.28 Biex isiru dawn il-parkings l-ewwel it-triq trid tiġi scarified. Dan ix-xogħol jista' jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill anke għal fatt li f'dan ix-xahar, il-Kunsill għandu l-ħaddiema ta' l-RSS.

66.2.29 Il-Kunsill qabel li jista jinxtara mazza u xi għodda li hemm bżonn biex isir dan ix-xogħol.

66.2.30 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia nfurmat lill-Kunsill li meta kienet qed tagħmel ir-ronda mas-Segretarju, innutat li ħdejn il-German Embassy hemm culvert hi huwa miżdud.

66.2.31 Is-Segretarju qalet li hija tkellmet mal-ħaddiema tal-Kunsill fuq dan u huma qalu li dan l-isprall imnaddaf pero kienet saret pjanċa fuq net u dan ingħalaq.

66.2.32 Is-Sinjorina Lorrane Farrugia ssuġerit li għandu jinfetaħ, pero s-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi, ma qablitx għax qalet li jsir hekk peress li l-ewwel żmien tax-xita tkun maħmuġa pero jinfetaħ wara.

66.2.33 Il-Kunsill iddeċieda li għandna nistaqsu lis-Sur Salvu tal-Parisio Nursery u naraw ta' min hu dan l-isprall u wara jiġi kkuntatjat is-sid u ngħidulu biex dan jinfetaħ.

## 66.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU /VIP LIST

66.3.1 Is-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-Pink October u qalet li peress li l-Kunsill qed jieħu sehem fil-kampanja, nhar it-Tnejn 9 ta' Ottubru 2017 bejn is-7.30p.m. u 8.00p.m. għandha tiġi s-Sinjura Michelle Muscat il-fondattriċi tal-Merigold Foundation flimkien ma'l-Hon. Silvio Parnis.

66.3.2 Huma ġejjn ħdejn it-Torri fejn dan qed jinxtgħel roża għal dan ix-xahar.

66.3.3 Is-Sinjura Michelle Muscat qed iżżur kull post li qed jipparteċipa f'din il-kampanja.

66.3.4 Is-Sindku stiednet lill-Kunsill kollhu biex ikun preżenti ħdejn it-Torri għal din l-okkażżjoni.

66.3.5 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li resident xtaq jirringrazzja lill-Kunsill Lokali għal bollards li saru fi Triq Agostino Portelli u jixtieq jagħmel request biex tiżdied bollard oħra għaliex għad fadal l-ispazju fejn il-karozzi xorta waħda qed iduru u għalhekk xorta għadhom jagħmlu U-turns, għalhekk biż-żieda ta' bollard oħra dan ma jkunx possibli.

66.3.6 Il-Kunsill qabel ma' din ir-request u qabel ukoll li jridu jiżdiedu l-bollards ħdejn Dinos tal-karozzi.

66.3.7 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar, staqsiet fuq il-problema li kienet tressqet fl-aħħar laqgħa fuq Triq Sir Ugo Mifsud.

66.3.8 Is-Segretarju nfurmat li resident li joqgħod ħdejn min qed jagħmel din it-talba fuq il-yellow lines ma' ġenb iż-żewġ garaxxijiet kien ġie l-uffiċċju u minn naħa tiegħu huwa ma jrid li jsir xejn.

66.3.9 Il-Kunsill qabel ma' din ir-request pero il-yellow lines ħdejn il-garage l-ieħor għandhom isiru u ma jsirx il-motorcycle bay għalissa kif kien ġie deċiż fil-laqgħa tal-Kunsill preċedenti.

66.3.10 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issuġerit u l-Kunsill qabel li għandna naraw li l-parking bay ta' nr 66 Triq Sir Ugo Mifsud qiegħed kif suppost għax x'aktarx huwa kbir iżżejjed.

66.3.11 Is-Segretarju qalet li għandna mmorru on site għax bil-yellow lines mal-garage xorta waħda ser jittieħed mill-parking bay.

66.3.12 Is-Sur Salvu Farrugia, Kunsillier jixtieq jagħmel request għan-nom ta' resident rigward sinjal isfar quddiem id- dar tiegħu no.9 fi Triq Preziosi għaliex meta l-karozzi jipparkjaw quddiem id-dar tiegħu ma jkunx jista' jidħol id-dar u għalhekk jixtieq li jsir single line quddiem id-dar tiegħu.

66.3.13 Il-Kunsill qabel ma' din ir-request u għandu jsir yellow line quddiem id-dar tar-resident. Għandha tintbagħat request lit-TM.

66.3.14 Resident xtaq jagħmel suġġeriment biex fi Triq tal-Mirakli, fi Triq Ħal Bordi u fi Triq Nicholas Cottoner isiru sinjali jew tabelli bi speed limit ta' 25km/hr bħal fil-bqija ta' Ħal Lija.

66.3.15 Il-Kunsill qabel ma' din ir-request u qabel ukoll li għandhom isiru żewġ tabelli oħra fil-periferiji ta' Ħal Lija li javżaw li l-speed limit fir-raħal huwa ta' 25km /hr.

66.3.16 Is-Segretarju nfurmat li l-Warden tar-ronda qed titlob biex Triq Ramiro Barbaro jsiru il-parking bays bojod għax hemm residenta u qed tħali l-ispazju u b'hekk qegħda tillimita lil ħaddiehor milli jipparkja.

66.3.17 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li fl-aħħar laqgħa kienet ġiet approvata li għandha ssir bankina fi Triq Ramiro Barbaro, din ġiet approvata mit-TM.

66.3.18 Il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Warden pero l-ewwel trid issir il-bankina u wara jiġu l-parking bays.

66.3.19 Il-Kunsill qabel li din il-bankina għandha ssir bankina tal-konkos mill-ħaddiema tal-Kunsill.

66.3.20 Is-Segretarju ressqet kwotazzjoni ta' bdil ta' bozza fi sqaq nru.2 Triq Preziosi minħabba li s-Sur Zammit irraporta li kull darba li jixgħel id-dawl ta' triq jixortja d-dawl ta' ġewwa ta' dar tiegħu. Irraportajna lil Enemalta fejn marru fuq il-post u bagħtulna lura li dan qiegħed isir minħabba li l-bozza antika u għalhekk din trid tinbidel. L-ispiża għal din il-lampa ser tiġi tiswa €225.50

66.3.21 Il-Kunsill approva din l-ispiża fuq dawn ix-xogħolijiet.

66.3.22 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat li kien hemm problema fl-elettriku fil-ġnien, għaldaqstant il-ġnien huwa fid-dlam.

66.3.23 Il-Kuntrattur tad-dawl għandu jiċċekkja fuq dan.

66.3.24 Is-Segretarju reġgħet staqsiet għall-konferma mill-Kunsill biex il-kuntratt tal-Waste Collecton ikompli jiġġedded sakemm tinqata' is-sentenza mingħand id-Dipartiment tal-Kuntratti tal-*claim* li saret fuq it-tender tal-ġbir ta' l-iskart.

66.3.25 Il-Kunsill qabel li għandna inġeddu ħmistax, ħmistax.

66.3.26 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi tkellmet fuq il-laqgħa li hija flimkien mas-Segretarju kellhom ma' uffiċċjali tat-TM rigward traffic management nhar It-Tnejn 3 ta' Ottubru 2017.

66.3.27Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet l-ilmenti u l-problemi fuq traffiku kemm ilu li sar il-proġett fi Triq in-Naxxar.

66.3.28Is-Sindku reġgħet issuġerit lit-TM kif ukoll is-Sindku ta' Ħal Balzan li t-traffiku għandu ikun miftuħ minn Balzan Valley għax it-traffiku ta' Ħal Balzan qed jgħaddi minn ġo Ħal Lija.

66.3.29 Transport Malta ser jikkonsidraw dan l-ilment.

66.3.30 Is-Sindku, tkellmet mat-TM u ddiskutiet ukoll fuq Traffic Management ġo Ħal Lija.

66.3.31 Hija issuġerit xi proposti filwaqt li TM issuġerew li għandna inqabbdu Perit flimkien mal-Kunsill biex jiġi nfassal pjan.

66.3.32 Wara li TM jaraw dan il-pjan, jaraw jekk ikunx vijabbli jew le. Jekk iva il-pjan jiġi approvat għal xahar bħala prova.

66.3.33Is-Sinjorina Stephanie Cutajar ressqet proposti ta' kif jista' jiġi devjat it-traffiku u qalet li fi Triq Annibale Preca ħdejn l-ispiżerija, it-triq tinqasam għal fejn Triq Sant'Andrija.

66.3.34 Triq Sant'Andrija tiġi bil-kontra u Triq Annibale Preca tiġi bil-kontra l-isfel.

66.3.35 Problema li tista' tinqala hija meta biex minn naħa ta' ħdejn il-ħanut ta' Skarpoli (Shoe Repair) jiġu biex jidħlu fi Triq Robert Mifsud Bonnici, ikun hemm il-ħinijiet ta' l-iskola.
66.3.36 Dan il-pjan għad irid jiġi diskuss sewwa mill-Kunsill qabel jitressaq għal l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

66.3.37 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi kompliet tgħid li waqt il-laqgħa ma' TM hija tkellmet fuq il-Bus Shelters fejn hi ssuġerit li l-bus shelter f'Naxxar Road tkun bil-kontra biex in-nies ma jixxarbux u għandna ukoll nistaqsu lit-TM biex isir Bus Shelter f'Kardinal Ferretti.
66.3.38 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi qalet li ser terġa tlaqqa is-Sub Committee fuq it-traffiku għax hemm xi residenti li jixtiequ jagħmlu parti minnu.
66.3.39 Dawn għandhom iressqu s-suġġerimenti u soluzzjonijiet fuq it-traffiku u l-Perit japprovahom.
66.3.40 Il-Kunsill qabel li mas-suġġerimenti ta' dan il-Kumitat għandna nressqu xi partijiet mill-pjan li kient ħadmet fuqhu Dr. Maria Attard.
66.3.41 Is-Sinjorina Stephanie Cutajar qed tagħmel request biex il-gwardjan tar-ronda imur Triq Kardinal Ferretti kantuniera ma' Triq Annibale Preca għax il-karozzi qed jgħaddu 'one way' u qeda blind corner.
66.3.42 Hija qed tisuġerixxi li għandu imur bejn is-7.00a.m. u t-8.30a.m. għal xi ġimgħa.
66.3.43 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet għal feedback mill-Gwardjan Lokali li kien intbagħat mill-LESA fuq l-iskart u l-ħmieġ.
66.3.44 Is-Segretarju għandha tiċċekkja dwar dan.
66.3.45 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet ilment li x-xibka tal-binja ta' Triq San Liċinju intefgħet il-ġewwa. Għandu jiġi ikkuntatjat il-Kuntrattur tal-binja.
66.3.46 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi ressqet quddiem il-Kunsill, ittra mingħand il-President ta' Malta fuq attivita' li ser issir fl-1, 2 , u 3 ta' Diċembru rigward l-Istrina.
66.3.47 F'dawn it-tlett dati ser tinkiteb il-kelma 'ISTRINA' ma' l-art ġo post ċentrali fejn in-nies ser ikunu mistiedna jitfgħu €2.00 u jimlew il-kelma 'ISTRINA'. Il-President ser tkun qed iżżur kull lokalita' li ser jipparteċipa. Is-Sindku tgħid il-messaġġ tagħha filwaqt li tingħata xi ħaġa żgħira lil dawk kollha preżenti. Din l-attivita' ser tkun qed tixandar live fuq is-*social media*. Fl-aħħar nett il-flus miġbura ser jiġu ppreżentati mis-Sindku waqt l-ISTRINA.
66.3.48 Il-Kunsill iddiskuta din ir-request u approva li ser jieħu sehem f'din l-attivita'.
66.3.49 Is-Segretarju ppreżentat kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tat-tabelli u sinjali tax-xogħolijiet pendenti li ġew approvati biex isiru.
66.3.50 Dawn iridu jiġu approvati mill-Kunsill u l-ispiża tammonta għal €1,517.48 ser titħallas mill-fondi ta' Reġjun Ċentru.
66.3.51 Il-Kunsill approva dawn ix-xogħolijiet u l-ammont tagħhom.
66.3.52 Is-Sindku ressqet ilment li n-nies li ġejjin minn naħa Tal-Mirakli u jridu imorru Triq il-Kbira, il-GPS qed tagħtihom biex jagħddu minn Triq Enejja.
66.3.53 Is-Sindku ssuġerit li għandhom isiru żewġ tabelli li juru cul-de-sac fuq iż-żewġ naħat tat-triq.
66.3.54 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li d-Dipartment tal-Gvern Lokali qed jorganizza kors fuq l-Acocunts u biex inkunu nistgħu nħaddmu din is-sistema irid isir upgrade tas-Sage preżenti peress li huwa antik ħafna.

66.3.55 Hija ressqet financial proposal fuq Sage Evolution mingħand ICT Solutions pero għandha tinġieb kwotazzjoni oħra mingħand ħaddieħor.

66.3.56Is-Segretarju nfurmat li l-Kunsill irid japprova li tinxtara din is-sistema u meta inġibu iktar kwotazzjonijiet jitressqu quddiem il-Kunsill u anke lil Accountant tal-Kunsill biex jiġi deċiż liema hi l-aħjar sistema.

66.3.57 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-PC tagħha għandu bżonn Upgrade peress li huwa *outdated* u mhux is-sistemi kollha qed jidħlu.

66.3.58 Hija ppreżentat kwotazzjoni għal l-ammont ta' €200 mingħand My Link.

66.3.59 Il-Kunsill filwaqt li approva li għandu isir upgrade biss iridu jinġiebu iktar kwotazzjonijiet.

66.3.60Is-Sinjorina Stephanie Cutajar issuġerit biex nikkuntatjaw lil J2 Group Malta li jagħmlu dawn ix-xogħolijiet.

66.3.61 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkellmet mal-Kunsill meta saret il-ġurnata ta' Clean Up Malta' u li għalkemm f'Ħal Lija suppost kellu jitnaddaf Hal Mann u iċ-Ċentru Rekreattiv, filfatt ma ġie ħadd.

66.3.62 Hija qed tisuġerixxi li għand inċemplu lis-Sur Ramon Deguara fuq freephone 1718 li huwa sit tal-Gvern 'Garby and Tidy' biex nitolbu biex jitnaddaf Hal Mann Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela.

66.3.63 Is-Sindku, s-Sinjura Magda Magri Naudi nfurmat lill-Kunsill li għamlet kuntatt magħha s-Sinjura Joan Mangion tal-Valletta18 u ser iġġib lil xi nies biex jaraw il-Mitħna u t-Torri.

66.3.64 Din il-persuna li hija persuna barranija tixieq torganizza xi attivitajiet.

66.3.65 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill fuq il-bye-laws fejn kienet kitbilna l-Avukat tad-Dipartiment fejn it-translation tal-bye-laws bil-Malta u bl-Ingliż ma jaqbilx.

66.3.66 Is-Sindku nfurmat li hija għamlet il-korrezzjonijiet li kien hemm bżonn u bagħatithom lura għand l-Avukat tad-Dipartiment.

66.3.67 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-Kumitat ta' l-Armar staqsew jekk il-Kunsill huwiex ser jerġa' jarma it-tiżjien tal-Milied mill-Kumitat tagħhom.

66.3.68 Għal din is-sena l-Kunsill mhux ser jarma mill-Kumitat Festi Esterni.

66.3.69 Ġie ssuġerit li tinxtara stilla kbira u l-Awguri mill-Kunsill Lokali jitwaħħlu mat-Torri. Barra minnhekk it-Torri ser jixgħel kollu b'kuluri differenti.

## 66.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u petty cash

66.4.1 Is-Segretarju ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda tal-pagamenti għax-xahar ta' Settembru u Ottubru 2017u anke skeda tal-Petty Cash.

66.4.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ma approvatx il-pagamenti tal-Waste Collection Ltd.

66.4.3 Fuq proposta tas-Sur Stephanie Cutajar sekondata mis-Sur Massimo Scerri, il-pagamenti u l-iskeda tal-petty cash ġew approvati unanimament.

## 66.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

66.5.1 Il-laqgħa ntemmet fis-07.20p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 1 ta' Novembru 2017, fil-5.00pm.

66.5.2 Ġie deċiż ukoll li l-laqgħa ta' Diċembru għandha tinzamm nhar it-Tlieta 5 ta' Diċembru 2017.

**IFFIRMATA**
Magda Magri Naudi
Sindku

**IFFIRMATA**
Georgette Borg
Segretarju Eżekuttiv